**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Steven Ryan Micallef)**

**kontra**

**MATTHEW ZAMMIT**

**(I.D. No. 553584(M))**

Kaz Nru.: 154/2021

**Illum, 7 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Matthew Zammit,** ta' 37 sena, bint Joseph u Maria nee Farrugia, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Novembru 1984, residenti gewwa 160, Shang Lai, Triq Mons Mikiel Azzopardi, s-Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 553584(M), permezz ta' liema gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Gunju 2021 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata ‘droga’ u/jew ‘sustanza psikoattiva gdida’ hekk kif definite fl-artikolu 118A(1) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
b) Kellek fil-pussess tieghek ‘droga’ u/jew ‘sustanza psikoattiva gdida’ hekk kif definite fl-artikolu 118A(1) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta), sabiex din il-kawża tinstema’ minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur fl-udjenza tallum stess, 7 ta’ Dicembru 2021, fejn iddikjara li b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni mill-investigazzjonijiet jirrizulta li d-droga kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni bikrija, in-natura u l-ammont ta’ droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 40A; 118A; 120A(1)(a) u (2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputat Matthew Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal multa ta' Eur. 900.

Finalment, il-Qorti l-konfiska tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat favur il-Gvern ta' Malta u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta lprocedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA

Christine Farrugia

Deputat Registratur